**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef David Scicluna – Aġent President**
**Onor. Imħallef Abigail Lofaro**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 29 ta' Ottubru 2015**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 36/2007**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Stephen Pirotta**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fl-10 ta' Settembru 2007 kontra Stephen Pirotta li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Stephen Pirotta (1) fl-Ewwel Kap b'tentattiv ta' omiċidju volontarju u cioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu; (2) fit-Tieni Kap talli fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu; (3) fit-Tielet Kap talli kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; (4) fir-Raba' Kap talli saq

*motor-car* jew vettura oħra bi traskuraġni kbira; (5) fil-Ħames Kap talli kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; (6) u fil-ħames Kapi kollha talli kiser il-kundizzjoni lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Stephen Pirotta', l-Avukat Ġenerali talab li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-*Probation* (Kap. 446);

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-24 ta' Frar 2010 fejn dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih, b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra, sabu lill-istess Stephen Pirotta ħati ta' l-Ewwel, it-Tieni u r-Raba' Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, u li bih unanimament sabuh ħati tat-Tielet u tal-Ħames Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, u wara wkoll li rat il-verdett ulterjuri tal-ġurati li bih unanimament iddikjaraw lill-istess Stephen Pirotta ħati tal-addebitu li kiser il-kondizzjoni tal-liberta` kondizzjonali lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Stephen Pirotta', kif miġjub fil-ħames Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuża, iddikjarat għalhekk lill-akkużat Stephen Pirotta ħati talli:

1. fit-28 ta' Settembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kmieni filgħodu, ftit wara nofs il-lejl, f'Ħal-Qormi, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil David Azzopardi jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu, u dana skond l-Ewwel Kap. tal-Att tal-Akkuża;

2. fit-28 ta' Settembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kmieni filgħodu, ftit wara nofs il-lejl, f'Ħal-Qormi, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

3. fit-28 ta' Settembru, tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kmieni filgħodu, ftit wara nofs il-lejl, f'Hal-Qormi, kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal- Kummissarju tal-Pulizija, u dana skond it-Tielet Kap. tal-Att tal-Akkuża;

4. fit-28 ta' Settembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kmieni filgħodu, ftit wara nofs il-lejl, saq *motor-car* jew vettura oħra bi traskuraġni kbira, u dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża;

5. fit-28 ta' Settembru, tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kmieni filgħodu, ftit wara nofs il-lejl, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal- pubbliku.

6. u li b' dan l-aġir tiegħu, kiser il-kondizzjoni tal-liberta` kondizzjonali lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Pirotta", kif miġjub fil-ħames kapi ta' l-Att ta' l-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-Ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), 13(1), 26(a) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikoli 6 u 55(a) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480) ], l-artikoli 17,23, 30, 31, 41(1)(a), 211(1)(2), 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati Stephen Pirotta għall-piena komplessiva ta' tmintax-il (18) sena priġunerija u ordnat li jiġi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet (3) xhur mid-data ta-sentenza kif ukoll ikkundannatu jħallas is-somma ta' disa' mija u disgħa u sittin euro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€969.37), import ta' l-ispejjeż peritali, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana li l-Qorti għamlitha ċara li qed teskludi minn dan l-ammont totali l-ispiża tal-perizja ta' Dr. Renald Blundell, stante li din ir-relazzjoni ma ntużatx fil-proċeduri quddiem dik il-Qorti. Inoltre, peress li skond l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, irriżulta lil dik il-Qorti li l-ħati kiser il-kundizzjoni lilu mposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2005, dik il-Qorti bagħtet lill-ħati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D) li għamlet l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata, biex tittratta mal-ħati għar-reat li dwaru kienet saret l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat. Ordnat ukoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> "Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w eżaminata mid-difiża.
>
> "Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur **Dr. Anglu Farrugia**, li jinsabu kollha reġistrati w cioe`:-
>
> 1. Illi wara li l-]ati ta d-daqqa ta' sikkina hu stess iddeżista b'mod volontarju;
>
> 2. mill-ewwel ikkoopera mal-investigaturi w anki ħalla jittieħdu *"swabs"* minn fuq ġismu w mill-ewwel qal li kien involut fl-inċident;
>
> 3. li l-ħati kien għaddej minn problemi serji tal-familja fi żmien ta' l-inċident;
>
> 4. li r-reati li tagħhom instab ħati preċedentement huma kollha relatati mal-istess problema;

5. li l-verdett fuq l-ewwel, it-tieni w ir-raba' Kapi ma kienx wieħed unanimu;

6. li hekk il-Qorti kellha tara l-fedina penali ta' Azzopardi kienet issib li din ma kinitx waħda nadifa;

7. li l-ħati iddispjacih għal dak li kien għamel u kien saħansitra ddikjara dan fl-aħħar ta' l-istqarrija tiegħu.

"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Nadine Sant**, li jinsabu reġistrati w cioe`:-

1. illi mhux veru li kien hemm xi "voluntary desistance" għaliex biex waqqaf lill-ħati, il-vittma kellu jimbuttalu idu w saħansitra jgħidlu "Sorry. Ma ġara xejn. Ghaliex qed toqtolni?" u t-tfajla tal-vittma kienet il-hin kollu tgħajjat biex iħallih;

2. li lanqas ma kien minnu li l-ħati kien ikkoopera mal-ewwel mal-investigaturi għaliex l-ewwel ma fetħilhomx il-bieb tad-dar tiegħu meta marru biex jarrestawh u kellhom jitfgħu l-bieb ġewwa mbagħad qal biss li kien involut f'inċident Ħal-Qormi pero` ċaħad li kien ta b'xi sikkina. Kien biss l-għada li qal li kien ta daqqa ta' mus u kien biss wara li l-investigaturi semgħuh jagħmel referenza għall-kelma "irmejtha" li mbagħad ammetta li d-daqqa li kien ta kienet b'sikkina. Inoltre huwa kien rema l-istess sikkina w ċ-ċarruta li biha mesaħ id-demm f'post fejn dawn baqgħu ma nstabux u kif daħal id-dar inħasel u ħasel il-ħwejjeġ li kien bihom;

3. li dan kien attakk mill-aktar brutali tant li s-sikkina kbira li ntużat u li daħlet minn quddiem tas-sider għall-ftit millimetri ma ħarġitx minn daru;

4. illi l-vittma ma mietx b'xorti tajba w għax saret l-operazzjoni tempestivament;

5. li l-vittma w it-tfajla tiegħu ser jibqgħu iġorru t-trawma ta' dan l-inċident tul ħajjithom kollha;

6. li l-ħati qatt ma għamel apoloġija lill-vittma;

7. li l-fedina penali tal-ħati turi storja ta' inċidenti ripetuti ta' aggressivita`, xorb u infrazzjonijiet tal-liġijiet stradali;

8. li minkejja li l-ħati kien ġie liberat b'kundizzjoni ftit aktar minn xahrejn qabel l-inċident mertu ta' din il-kawża, wara li nstab ħati li kkaġuna ferita gravi fuq persuna, baqa' ma tgħallem xejn u ftit ġimgħat wara kkommetta tentattiv ta' omiċidju w minn dak inhar l-hawn kellu kundanni oħra għar-reati kommessi wara dan it-tentattiv ta' omiċidju. Konsegwentement il-prosekuzzjoni ssottomettiet li f'dan il-każ il-piena kellha tkun viċin il-massimu possibbli.

"Ikkonsidrat;

"Illi dan l-inċident bla bżonn seħħ bla ebda raġuni w biss minħabba "road rage" li kienet għal kollox provokata mill-ħati, meta ma ssaportiex isuq wara Azzopardi w pprova jissorpassah b'mod traskurat, bir-riżultat li laqatlu l-mera tal-karozza tiegħu. Meta Azzopardi – bir-raġun beda jpaqpaqlu biex jieqaf ħalli jgħidlu li kien

laqatlu l-mera, hu baqa' jsuq għal ċerta distanza sakemm waqaf fejn roundabout aktar 'l isfel fit-triq u wara diverbju qasir ma' Azzopardi, bla ebda raġuni ta' xejn u sempliċement għax Azzopardi qallu li jekk l-għada filgħodu kien ser isib xi ħsara oħra fil-car tiegħu, kien ser jirrapportah, għax kien ħadlu n-numru, il-hati mar jiġri fil-karozza tiegħu, ġab sikkina kbira w niffed sider u żaqq Azzopardi fil-fond, bil-konsegwenza li dan kien ser imut kieku ma ġiex operat tempestivament.

"Dan l-aġir tal-ħati jidher li ma kienx uniku, tant li proprju xahrejn qabel kien ukoll instab ħati ta' inċident vjolenti fejn ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq persuna w ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin. Dan ma sewa għal xejn pero` għax proprju ftit xhur wara għamel reat vjolenti b'arma aktar serju minn hekk.

"Il-fedina penali aġġornata tal-ħati mbagħad turi storja twila ta' kundanni għall-ġlied u inċidenti simili li kollha jindikaw li l-ħati hu bniedem vjolenti w aggressiv u ta' perikolu għas-soċjeta` ċivili.

"Qieset li dawn l-inċidenti ta' "road rage" kull ma jmorru qed jiżdiedu fil-frekwenza w fil-gravita` tagħhom u li qed jiġri ta' spiss li mill-iċken suffarell jeskalaw għall-inċidenti gravissimi w għalhekk il-Qrati jridu bil-fors jieħdu veduta serja tagħhom u ma jittrattawhomx b'mod leġġer.

"Qieset li, għall-fini tal-piena, r-reat taħt it-tieni imputazzjoni w dak taħt il-ħames imputazzjoni huma assorbiti fir-reat taħt l-ewwel imputazzjoni għaliex hemm il-konkors formali jew ideali bejn dawn it-tliet reati."

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Stephen Pirotta ppreżentat fis-17 ta' Marzu 2010 fejn talab li din il-Qorti tirriforma d-dikjarazzjoni ta' ħtija u s-sentenza billi, filwaqt li tirrevokaha f'dik il-parti fejn ġie dikjarat ħati ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża u fejn ġie kkundannat għall-piena ta' tmintax-il sena priġunerija u minflok tvarjahom kemm għal dak li jikkonċerna s-sejbien ta' ħtija u/jew in kwantu jirrigwarda l-piena nflitta, tikkonfermaha fil-bqija, jew, alternattivament, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti fejn tikkonċerna l-piena; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu s-segwenti aggravji: (1) li, għal dak li jirrigwarda l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża, huwa ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża; (2) li, indipendentement minn x'kienet l-intenzjoni tiegħu fil-mument tar-reat addebitat lilu fl-Ewwel Kap, l-aġir tiegħu seħħ fil-waqt li kien taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-għemil tiegħu; (3) li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, il-piena erogata kienet eċċessiva.

**6.** Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi l-provi miġjuba f'dan il-każ juru ċar li l-intenzjoni tiegħu waqt l-inċident in kwistjoni ma kinitx li joqtol lil David Azzopardi u lanqas li jqegħdlu ħajtu f'periklu ċar. Jgħid li hu ta d-daqqa

ta' sikkina bħala konsegwenza ta' l-aġir ta' David Azzopardi. Kienet daqqa iżolata. Jgħid ukoll li la qabel u lanqas wara ma lissen xi kliem fis-sens li ried joqtol lil David Azzopardi. Wara li ta d-daqqa telaq minn fuq il-post. Jiġifieri skond l-appellant l-aġir tiegħu kien wieħed li juri li huwa qatt ma ried joqtol lil Azzopardi jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar.

**7.** L-appellant żied jgħid illi l-ewwel Qorti fissret l-*animus necandi* fid-dettal u "addirittura, rabtet l-ispjegazzjonijiet ta' natura legali mal-fatti tal-każ b'mod li ftit ħalliet dubju x'kienet qed taħseb hi dwar x'kienet l-intenzjoni ta' l-esponent fil-mument li ta d-daqqa; l-*animus nocendi* ftit li xejn ingħata importanza fl-indirizz. Wieħed kien jistenna spjegazzjoni iktar dettaljata dwar dan l-element formali speċjalment tenut kont tal-fatt li din kienet il-linja difensjonali prinċipali ta' l-esponent." L-appellant jiċċita parti mill-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri biex juri li, skond hu, l-ewwel Qorti kienet qed tistieden lill-ġurati sabiex isibu ħtija kif prospettat fl-Ewwel Kap u mhux tar-reat minuri kompriż u involut ta' offiża fuq il-persuna kif prospettat mid-difiża. L-appellant jgħid ukoll:

> "Illi a parti dak li ntqal, ma ntqalx, messu ntqal jew ma messux intqal, il-fatti f'dan il-każ ma setgħu qatt iwasslu biex l-esponent jnstab ħati ta' tentattiv ta' omiċidju. Kif intqal fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore sive Salvu Gauci** (08.07.2004), għalkemm huwa veru li wieħed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll miċ-ċirkostanzi anteċedenti, konkomitanti u sussegwenti għall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soġġettiva – <u>jiġifieri x'kellu f'moħħu l-aġent (l-akkużat) fil-mument li għamel l-att</u> – u mhux sempliċement kwistjoni oġġettiva ta' x'missu antiċipa jew x'kienet tantiċipa l-persuna ta' intelliġenza ordinarja. Intqal ukoll li lanqas ma wieħed jista' jiddesumi l-intenzjoni omiċida billi jagħmel enfasi <u>preponderanti għall-konsegwenzi li rriżultaw mill-att</u>.
>
> "Illi, imbagħad, fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Keith Galea** (19.10.2006) intqal li għalkemm huwa veru li xi mindaqqiet il-linja ta' demarkazzjoni bejn l-*animus necandi* u l-*animus nocendi* tkun waħda sottili ħafna u għalkemm huwa veru wkoll li fil-każ in diżamina kienet intużat arma li kienet idonea biex toqtol, pero` dan il-fatt waħdu ma jfissirx li <u>neċessarjament</u> kien hemm l-intenzjoni omiċida – infatti l-liġi stess tipprospetta bħala offiża gravi (u allura b'intenzjoni ġenerika li l-aġent iweġġa' biss, u mhux ukoll bl-intenzjoni omiċida) dik l-offiża, anke jekk kaġunata bi strument li jaqta' jew iniggeż, li hekk tippenetra kavita` tal-ġisem.
>
> "Illi mill-bran ta' l-indirizz riprodott jidher ċar li l-'kawteli' li neċessarjament iridu jiġu abbinati mal-provi indizzjarji sabiex jiġi stabbilit x'kienet l-intenzjoni ta' l-aġent fil-mument tar-reat ma tpoġġewx lill-ġurati u l-importanza sprporzjonata li ngħatat lill-*animus necandi* kienet neċessarjament fattur importanti għall-verdett fuq l-Ewwel Kap.

> "Illi, per eżempju, l-importanza li ngħatat lit-tip ta' arma li ntużat kienet ukoll sproporzjonata in kwantu ma rriżultax mill-provi li dan kellu diversi armi u minn dawk l-armi hu għażel dik l-iżjed idonea biex joqtol. Irriżulta biss li kellu sikkina fil-vettura tiegħu u hu uża lilha. Lanqas ma rriżulta li kien hemm xi armi oħrajn partikolarment xi armi inqas idonei biex jikkawżaw il-mewt ta' persuna. Dan jindika li l-intenzjoni ta' l-esponent ma kinitx dik li joqtol lil Azzopardi jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar.
>
> "Illi għandu bil-fors jiġi rilevat u ripetut li ma jirriżulta minn imkien fil-provi li l-esponent ifforma l-element formali rikjest għar-reat addebitat lilu fl-Ewwel Kap u għalhekk kellu jiġi lliberat mir-reat ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u misjub ħati tar-reat minuri u kompriż u involut ta' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna."

**8.** L-ewwel nett din il-Qorti eżaminat l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri sabiex tara jekk l-appellant għandux raġun fl-ilment tiegħu li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri stieden lill-ġurati sabiex isibu ħtija kif prospettat fl-Ewwel Kap u mhux tar-reat minuri kompriż u involut ta' offiża fuq il-persuna kif prospettat mid-difiża. Issa, huwa faċli li jiġu kkritikati siltiet u frażijiet ta' indirizz, iżda, apparti li dawn iridu jiġu kkunsidrati fil-kuntest tagħhom, <u>l-indirizz għandu jiġi kkunsidrat fit-totalita` tiegħu</u> sabiex jiġi determinat jekk setax seħħ xi *"miscarriage of justice"*. Mill-eżami li għamlet din il-Qorti ta' l-indirizz jirriżulta illi l-appellant iċċita parti żgħira biss ta' l-istess indirizz. Din il-parti hi meħuda minn fejn fl-indirizz l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien qiegħed jispjega l-elementi ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża. Ftit wara effettivament jagħti spjegazzjoni dettaljata tad-difiża mqajma li l-intenzjoni ta' l-appellant ma kinitx waħda omiċida iżda l-intenzjoni ġenerika li jagħmel offiża fuq il-vittma. Difatti l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ta anke spjegazzjoni ta' kif r-reati ta' offiża fuq il-persuna huma kompriżi u involuti fir-reat kontemplat fl-Ewwel Kap. Kemm f'dawn il-partijiet kif ukoll matul l-indirizz, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri b'ebda mod ma użurpa l-liberta` ta' rażoċinju tal-ġurati. Dan ċertament ma kienx każ fejn l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien ***"so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (Canny (1945) 30 Cr App R 143"***[1]. Għalhekk din il-Qorti tqis l-ilment ta' l-appellant bħala wieħed fieragħ.

**9.** Dwar is-sottomissjonijiet l-oħra ta' l-appellant li jirrigwardaw unikament l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża, dawn jirrikjedu apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati, setgħux legalment u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[2] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat

---

[1] **Blackstone's Criminal Practice 2001, para. D15.16, p.1448.**

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7

dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi <u>kollha</u> miġjuba.

(ii) Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li <u>jaraw u jisimgħu</u> x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija skond l-imsemmi l-Ewwel Kap.

(iii) Huwa inkontestat li kmieni filgħodu fit-28 ta' Settembru 2005 ċertu David Azzopardi qala' daqqa ta' sikkina mingħand l-appellant. L-appellant ġie akkużat u nstab ħati ta' tentattiv ta' omiċidju. L-appellant isostni illi ma kellux jinstab ħati ta' hekk għax ma kellux intenzjoni omiċida iżda talli kkommetta offiża gravi fuq l-imsemmi David Azzopardi.

(iv) Mill-provi jirriżulta illi dakinhar ta' l-inċident, David Azzopardi, li kellu miegħu lit-tfajla tiegħu Lorraine Nejjar, kien qiegħed isuq f'Mdina Road, Qormi ġej mid-direzzjoni ta' Ħaż-Zebbuġ. Billi jidher illi kien qiegħed isuq għal nofs it-triq, ix-xufier fil-karozza ta' warajh, cioe` l-appellant, beda jpaqpaqlu sabiex jersaq. Azzopardi jgħid li x'ħin ġew biex iduru lejn ir-roundabout, l-appellant issorpassah iżda waqt il-manuvra laqat il-mera tal-vettura ta' Azzopardi bil-mera tiegħu. F'dan l-istadju kien Azzopardi li beda jpaqpaq lill-appellant u jinsegwieh bl-iskop li jġegħlu jieqaf għax Azzopardi dehrlu li l-appellant kien għamillu xi ħsara. L-appellant waqaf u anke Azzopardi. Jidher illi Azzopardi tefa' l-karozza tiegħu xi ftit angolata lejn 'il quddiem ta' dik ta' l-appellant. L-

ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

appellant niżel mill-karozza tiegħu, resaq lejn dik ta' Azzopardi, iddrittalu l-mera, qallu li m'għandu xejn, u telaq 'l hemm. Azzopardi jgħid illi hu fl-ebda ħin ma niżel mill-karozza tiegħu. Imbagħad ikompli jispjega hekk dak li seħħ: "Għax hu telaq 'l hemm, imbagħad jiena għidtlu: 'Jekk għamiltli xi ħsarat oħra ħadtlek in-numru.' F'daqqa waħda qabad jgħajjat, qalli: 'Taf ma' min qed teħodha?' rajtu ġej jiġri, kif ħa ninżel mill-karozza u qomt, ħa nqum bil-wieqfa, daħħalli s-sikkina mill-ewwel. Qabadni minn għonqi u pprova jgħawwarha ġo fija." U jkompli: "Qbadtlu idejh, bdejt nipprova nneħħihielu, u għidtlu: "Għal x'hiex ser toqtolni? U hemmhekk għidtlu: "X'għamiltlek? Għal x'hiex ser toqtolni?" U qisu kkalma, ma nafx, qabad u telaq." Skond kif qalulu t-tobba, is-sikkina kien baqagħlha 1.2 cm biss biex toħroġ minn dahru. Lorraine Nejjar bażikament tikkonferma dak li xehed David Azzopardi b'dan illi hija tgħid illi qabel ma Azzopardi qala' d-daqqa ta' sikkina, kemm Azzopardi u l-appellant għamlu xi tliet minuti joffendu lil xulxin. Peress illi kienet hi biss li rat is-sikkina f'idejn l-appellant, għax Azzopardi ma kienx induna biha, hija spjegat li x-xafra kienet twila xi 18 – 20 cm u ħoxna qisha riga.

(v) Fl-istqarrija tiegħu l-appellant jagħti verżjoni ftit differenti fis-sens illi jgħid illi meta waqfu mar-roundabout, hu baqa' fil-karozza filwaqt illi David Azzopardi u t-tfajla riekba miegħu qabdu jgħajtu miegħu kemm jifilħu u jgħidu li kien kissrilhom il-mera. David Azzopardi niżel mill-karozza, mar ħdejn l-appellant u baqa' jargumenta miegħu dwar il-mera. Dak il-ħin ħareġ mill-karozza, mar ħdejn il-mera tan-naħa tax-xufier tal-karozza ta' Azzopardi, qabad il-mera u nduna li kull ma kellha kien li kienet daret. Qal li immedjatament wara, Azzopardi daħal fil-karozza tiegħu u rah qisu jitbaxxa. U jkompli: "Meta rajt hekk jien ħsibt li hu kien ser iġib xi ħaġa u lilu għidtlu: 'Issa hekk le.' U għalhekk mort niġri lejn il-karozza tiegħi, ftaħt il-bieba tiegħi u ġġebbidt sabiex inġib sikkina li kelli fil-bieba tad-dashboard li qiegħda fuq in-naħa tal-passiġġier, qbadt is-sikkina f'idejja u ħriġt minn ġol-karozza tiegħi. Minn hemm jien mort ħdejn ix-xufier tal-karozza l-oħra li dak il-ħin kien għadu bilqiegħda fuq is-seat tan-naħa tax-xufier. Saqsejtu x'kien bi ħsiebu jagħmel, qbadt is-sikkina u tajtu daqqa biha. Naf ukoll li qbadtu minn xagħru u t-tfajla li kien hemm miegħu bdiet tgħidli sabiex nerħilu. Dak il-ħin jien ħassejtni li kont żbaljajt u ddeċidejt li nitlaq 'l hemm."

(vi) Il-punt kruċjali huwa jekk jistax jingħad li meta l-appellant vvibra d-daqqa ta' sikkina lejn David Azzopardi, huwa kellux il-ħsieb li jew joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Azzopardi f'perikolu ċar, jew li jikkawżalu offiża fuq il-persuna tiegħu. Li taghti daqqa b'sikkina bħal dik deskritta minn Lorraine Nejjar u bil-mod kif jiddeskrivi Azzopardi (ipprova <u>jgħawwar</u> is-sikkina ġo fih) tista', legalment u ragjonevolment, twassal ghall-konkluzjoni li, anke jekk forsi ma riedx joqtol lil Azzopardi – ra l-mewt u ried il-mewt, skond it-teorija – ried iqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu ċar – ra l-mewt bħala konsegwenza possibbli

tad-daqqa, ma riedx il-mewt iżda xorta ried jagħmel dik l-azzjoni (intenzjoni pożittiva indiretta). Anke jekk kellha tittieħed bħala veritjera l-verżjoni ta' l-appellant li ħaseb li Azzopardi "kien ser iġib xi ħaġa", huwa evidenti illi Azzopardi ma kellu ebda arma f'idejh meta l-appellant mar lura bis-sikkina f'idejh quddiem Azzopardi u vvibralu d-daqqa. Id-daqqa kienet evidentement b'saħħitha (qasmet kustilja, nifdet pulmun u l-fwied u ma kinitx 'il bogħod milli toħroġ minn dahar Azzopardi). Dan juri li kienet daqqa *"purposeful"*, magħmula b'arma idoneja li toqtol u vvibrata lejn kavita` tal-ġisem u effettivament nifdet tnejn. Dak li ġara f'dan il-każ hu differenti minn dak li seħħ fiż-żewġ każijiet li għalihom irrefera l-appellant, u cioe` f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore sive Salvu Gauci** fejn id-daqqiet fuq il-persuna tal-vittma "ma ġewx vibrati lejn partijiet li wieħed normalment iqis li huma vitali, bħal, per eżempju, xi kavita` tal-ġisem fejn kulħadd jaf li hemm organi delikati suxxettibbli għal emoraġiji u li jikkontrollaw funzjonijiet hekk ukoll imsejħa vitali", u f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Keith Galea** fejn l-akkużat "beda jxejjer <u>bl-addoċċ</u>".

(vii) Huwa sinifikanti wkoll is-segwenti bran mill-istqarrija ta' l-appellant: *"Jien kif rajtu jitbaxxa mill-ewwel ħsibt li hu kien ser iġib xi ħaga għalija. Jien ma stajtx nibqa' idi f'idi. Kif qbadt is-sikkina jien mort niġri ħdejh minħabba l-fatt li bżajt li jekk hu kellu xi pistola lili żgur kien ser iħallini tal-post. Ħsibt ukoll li kien għadu jfittex, kien għadu ma sabux. Jien saqsejtu wkoll x'kien bi ħsiebu jagħmel pero` mingħajr ma tajtu ċans jagħmel moviment ieħor qbadt u tajthielu jien."* Jiġifieri, skond il-verżjoni ta' l-appellant, huwa beża' li Azzopardi kellu arma li biha kien ser joqtlu. Kieku l-appellant ried, seta' daħal fil-karozza tiegħu u telaq minn fuq il-post, iżda minflok għażel li jmur jaqbad arma hu biex jaggredixxi biha lil Azzopardi, u dan f'ċirkostanzi fejn, kif intqal, seta' jara illi Azzopardi ma kellu l-ebda arma f'idejh.

(viii) F'dawn iċ-ċirkostanzi l-gurati kienu intitolati li jwiegbu ghall-mistoqsija "Pirotta, meta vvibra d-daqqa, ried joqtol lil Azzopardi, ried iqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu tal-mewt, jew ried iweġġgħu?" billi, anke jekk ma jgħidux illi "Ried joqtlu", almenu jgħidu "Ried iqiegħed il-ħajja tiegħu f'perikolu tal-mewt".

**10.** Waqt it-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, ġie sottomess li kien hemm deżistenza volontarja da parti ta' l-appellant. Jingħad li din kienet l-ewwel darba li ssemma dan il-punt u lanqas ma ssemma bħala aggravju fir-rikors ta' appell. Issa, hija ġurisprudenza ormai paċifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tieħu konjizzjoni ta' raġunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux ġew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan joħroġ ċar minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 505 tal-Kodiċi Kriminali li tali rikors *"ghandu jkun fih il-fatti tal-kawża fil-qosor imma ċari, **ir-raġuni ta' l-appell*** (enfażi tal-Qorti)

*u t-talba ta' l-appellant".* Fi kwalunkwe każ din il-Qorti ma tistax ma tgħidx li ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-difiża stante li fl-ewwel lok m'hemmx għalfejn multipliċita` ta' daqqiet biex persuna tkun tista' tinstab ħatja ta' omiċidju volontarju jew, f'dan il-każ, tentattiv ta' omiċidju volontarju. Barra minn hekk id-daqqa li ta lil Azzopardi kienet waħedha suffiċjenti biex twassal għall-mewt – difatti Azzopardi salva biss għax leħaq ittieħed l-Isptar fejn ġie operat minnufih. Imbagħad il-fatt li ma tax daqqiet oħra jista' semmai jiġi attribwit għall-fatt illi l-vittma tiegħu kien qiegħed jipprova jirreżistieh u jitkarrablu biex ma joqtlux – altru mela milli deżistenza volontarja.

**11.** L-ewwel aggravju hu għaldaqstant miċħud.

**12.** Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi, indipendentement minn x'kienet l-intenzjoni tiegħu fil-mument tar-reat addebitat lilu fl-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jirriżulta ċar mill-provi li l-aġir tiegħu seħħ fil-waqt li kien taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-għemil tiegħu. L-appellant jissottometti s-segwenti:

> "Illi l-fatti li pprecedew l-incident meritu ta' din il-kawza ma humiex kontestati. Kif gja' ntqal l-esponent kien sejjer lejn id-dar bil-karozza u sab karozza ohra miexja bil-mod quddiemu. Huwa ghamel sinjal sabiex ikun jista' jghaddi izda s-sewwieq ta' din il-vettura, David Azzopardi, baqa' jsuq bil-mod. Ghalhekk l-esponent issorpassa l-vettura misjuqa minn Azzopardi u, waqt din il-manuvra, laqatlu kemm kemm il-mera tal-genb. Kif ra hekk, Azzopardi saq ghal warajh u rassu b'mod li kellu bilfors jieqaf. Ta' min jirrileva li meta xehed fil-guri Azzopardi nnega li kien hu li waqqaf lill-esponent u kien biss wara li gie kkonfrontat b'dak li kien xehed waqt il-kumpilazzjoni li konvenjentement ftakar f'dan id-dettal importanti. Ghandu jigi ghalhekk rilevat ukoll li din il-manuvra spavalda saret minn Azzopardi u li kieku dan semplicement ha n-numru tal-vettura ta' l-esponent u ghamel rapport ma kien jigri xejn minn dak li gara. L-esponent nizel mill-karozza u rranga l-mera tal-vettura ta' Azzopardi u qallu li ma kellu xejn. Sa dak il-hin l-esponent ma kienx mess lil Azzopardi, anzi offra li jhallas ghall-hsara fil-mera jekk kien hemm xi spejjez. Gara pero' li dan Azzopardi baqa' jghajjru u jipprovokah u, kien minhabba din l-attitudini aggressiva li l-esponent agixxa taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh u tah daqqa ta' sikkina. L-esponent imbaghad telaq minn fuq il-post.
>
> "Illi ghalhekk irrizulta car li dan l-incident gie pprovokat minn David Azzopardi. Mhux biss kienet ghazla tieghu li jsuq wara l-esponent u jsakkru bil-karozza tieghu b'manuvra minaccjanti u perikoluza, izda meta l-esponent nizel mill-karozza, mhux biex jaggredih izda biex jghidlu li jekk laqatlu l-mera dan kien laqathielu zbrixx u addirittura offra li jhallas id-danni, dan baqa' jghajjru u jghidlu li l-istorja ma waqfitx hemmhekk ghaliex kien hadlu n-numru tal-vettura. Naturalment ma' dan wiehed jista' jzid li s-sewqan precedenti ta' Azzopardi kien

ukoll wiehed irritanti in kwantu, nonostante s-sinjali li beda jaghmel 1-esponent, hu xorta ma halliehx jghaddi.

"Illi l-komportament irritanti u sfidanti ta' David Azzopardi kien tali li f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqis il-konsegwenzi tad-delitt. L-agir tieghu kien kontinwat u kien biss fl-ahhar meta addirittura l-esponent kien qed joffri soluzzjoni u Azzopardi baqa' jghajjru li mbaghad ghamel dak li ghamel.

"Illi filwaqt li l-esponent jaghmel referenza ghal dak li ntqal fl-ewwel aggravju rigward x'kienet l-intenzjoni tieghu, l-agir ta' David Azzopardi kif spjegat iktar 'il fuq kien tali li jrendi reat skuzabbli wkoll fit-termini ta' l-artikolu 227(a) abbinat ma' l-artikolu 230(c) tal-Kodici Kriminali in kwantu l-esponent gie pprovokat diversi drabi b'ingurji u b'reati ohra."

**13.** B'referenza għat-tieni aggravju, qegħdin jiġu avvanzati difiżi li ma kinux tqajmu waqt il-ġuri. Ciononostante, din il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

**14.** Għalkemm l-appellant ma jirreferix għall-artikolu 227(c) tal-Kodiċi Kriminali, iżda biss għall-artikoli 227(a) u 230(c), jidher illi huwa qiegħed javvanza anke difiża skond l-imsemmi artikolu 227(c). L-ewwelnett jingħad illi difiża fit-termini ta' l-artikolu 227(a) abbinat ma' l-artikolu 230(c) ma tista' qatt tirnexxi għax dawn l-artikoli jittrattaw reati skużabbli minħabba, fil-każ ta' omiċidju volontarju, jekk ikun ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija, u fil-każ ta' offiża volontarja, jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna. Fil-każ in eżami ma rriżulta l-ebda tali delitt kommess minn David Azzopardi.

**15.** Kwantu għall-artikolu 227(c), dan jipprovdi mhux biss li omiċidju volontarju huwa skużabbli "meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha", iżda wkoll li "sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt". Fil-fehma ta' din il-Qorti, iċ-ċirkostanzi tal-lejl in kwistjoni ma kinux tali li setgħu jwasslu biex l-appellant jibbenefika mid-difiża msemmija. Għalkemm l-appellant seta' qies is-sewqan ta' Azzopardi "irritanti", dak l-episodju kien għadda għax fil-fatt l-appellant kien qabeż il-karozza ta' Azzopardi. Ma tantx jidher li l-appellant kien "irritat" bil-fatt li Azzopardi saq għal warajh ipaqpaq il-*horn* wara li l-appellant kien laqatlu s-*side mirror*, għax meta l-appellant niżel mill-karozza jidher illi

mar dritt fuq il-mera u ddrittahielu. Seta' kien hemm xi tgħajjir reċiproku, għalkemm l-appellant stess fl-istqarrija tiegħu jgħid illi ma jidhirlux li Azzopardi offendieh jew heddu, salv li semgħu jidgħi. Għalhekk ma kienx hemm xi diskors li seta' jikkawża fl-appellant is-"saħna tad-demm" li tikkontempla l-liġi. Lanqas ma kellu jaġixxi kif aġixxa għax Azzopardi qallu li kien ħadlu n-numru [tal-karozza]. Fil-fatt għamel sew Azzopardi li kien ħa n-numru tal-karozza ta' l-appellant sakemm ikun jista' jivverifika jekk kienx sofra xi ħsara.

**16.** Għaldaqstant anke t-tieni aggravju huwa miċħud.

**17.** It-tielet aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena li huwa jqis eċċessiva. Huwa jissottometti hekk:

> "Illi, fl-ewwel lok, irrizulta mill-provi li fiz-zmien tar-reati addebitati lill-esponent, huwa kien ghaddej minn zmien familjari difficli hafna. Ftit gimghat qabel l-incident, l-esponent, li dak iz-zmien kellu erbgha u tletin (34) sena kien qabad lil martu ma' ragel ta' sitta u hamsin (56) sena u dan il-fattur kellu effett fuq il-komportament tieghu. Dan stqarru huwa stess *a tempo vergine* mal-Pulizija qabel ma spjegalhom id-dinamika ta l-incident.
>
> "Illi ghandu jinghad ukoll li ghalkemm il-Prosekuzzjoni rrimarkat avversament fuq il-kooperazzjoni ta l-esponent mal-Pulizija, li kieku ma kinitx ghal din il-kooperazzjoni, il-Pulizija ma kinux isolvu dan il-kaz. Dan qed jinghad peress li la David Azzopardi u lanqas Lorraine Nejjar ma gharfuh waqt il-kumpilazzjoni u kienet biss l-ammissjoni tieghu dwar l-involviment fil-kaz li wasslet lill-Pulizija biex jakkuzawh kif premess.
>
> "Illi, fit-tielet lok, ghandu jigi rilevat li l-interess li l-esponent wera lejn il-fejqan ta' David Azzopardi gie injorat jekk mhux addirittura kontradett b'kummenti superficjali tal-Prosekuzzjoni bhal dik fejn gie allegat li qatt ma ghamillu apologija. Jinghad bl-akbar rispett li mhux biss l-esponent wera li ha pjacir li l-kundizzjoni ta' Azzopardi kienet wahda tajba izda esterna x-xewqa li jiskuza ruhu mieghu. Naturalment kwalunkwe kumment fuq l-imsemmija allegazzjoni tal-Prosekuzzjoni, fid-dawl tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuq l-esponent, ikun superfluwu.
>
> "Illi, pero', l-esponent jaghmel referenza ghax-xiehda ta' David Azzopardi tas-6 ta' Ottubru, 2006 (a fol. 147 ta 1-atti tal-kumpilazzjoni) fejn dan stqarr li dakinhar stess, barra l-awla, kien gie avvicinat mill-esponent u minn missieru li riedu biss jawgurawlu, izda hu rrifjuta kwalsiasi kuntatt maghhom."

**18.** Kwantu għall-problemi familjari li kellu l-appellant, dawn ma jistgħux iservu ta' attenwanti għall-piena. Ħadd m'għandu jippretendi li jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena għax jikkommetti reat meta afflitt minn tali problemi. Dawn inoltre ma jistgħu jkunu la ġustifikazzjoni u lanqas skużanti.

**19.** Għal dak li jirrigwarda l-ko-operazzjoni tiegħu mal-Pulizija, jiġi osservat illi meta ġie arrestat mid-dar tiegħu, huwa ammetta li kien involut f'inċident f'Ħal-Qormi iżda nnega li kien ta daqqa ta' sikkina lil xi ħadd. Ammetta dan il-fatt biss wara li sar jaf li l-vittma kien salva iżda qatt ma ammetta intenzjoni doluża. Di piu` kien hemm diversi provi oħra, anke ċirkostanzjali, li kienu jippuntaw lejn l-involviment tiegħu.

**20.** Kwantu għall-interess li wera fil-fejqan ta' Azzopardi u x-xewqa li jiskuża ruħu miegħu, kull ma tista' tgħid din il-Qorti hu li Alla jħares wara d-delitt in kwistjoni, l-appellant ma ħassx indiema għal dak li kien għamel.

**21.** Issa, kif ingħad minn din il-Qorti f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef**[3]:

> **"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."**

**21.** Fid-dawl ta' dan kollu, fid-dawl tal-fatt illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi bla dubju ta' xejn entro l-parametri tal-liġi, meta jitqiesu l-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti dwar il-piena, mhux lanqas dwar il-gravita` tar-reat prinċipali, u wara li din il-Qorti rat il-fedina penali ta' l-appellant, ma ssib l-ebda raġuni li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

**22.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-perijodu ta' l-iskwalifika tal-liċenzja u l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali jibdew jiddekorru millum.

[3] 28 ta' Novembru 2006.